

Brussell, 1 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11711/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0221(NLE)

COASI 115	AGRI 349
ASIE 53	TRANS 519
CFSP/PESC 1055	ENV 786
RELEX 1075	ENER 387
COHOM 84	ECOFIN 792
CONOP 68	EDUC 281
COTER 199	CULT 79
WTO 135	CLIMA 388
JAI 1078	MIGR 227
DEVGEN 157	ASEM 18

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 353 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malaġja, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 353 final.

Mehmuż: COM(2022) 353 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.8.2022
COM(2022) 353 final

2022/0221 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

F'Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehimiet Qafas Individwali dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni (FSK) mat-Tajlandja, l-Indoneżja, Singapore, il-Filippini, il-Malażja u l-Brunei. In-negozjati mal-Malażja bdew fi Frar 2011 wara ftehim biex jitnedew in-negozjati f'Ottubru 2010 mill-President tal-Kummissjoni Barroso u mill-Prim Ministru Najib Razak. In-negozjati ġew konklużi wara l-11-il ċiklu ta' negozjati fit-12 ta' Diċembru 2015. Iż-żewġ naħat taw bidu għall-FSK f'Putrajaya fis-6 ta' April 2016.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u s-servizzi tal-Kummissjoni kienu involuti fil-proċess ta' negozjati. L-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess ta' negozjati f'laqgħat tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat regolament matul in-negozjati.

Il-Kummissjoni tqis li l-oġettivi stipulati mill-Kunsill fid-direttivi tiegħu dwar in-negozjati tal-Ftehim intlaħqu, u li l-abbozz tal-Ftehim jista' jitressaq għall-iffirmar u għall-konklużjoni.

Fil-5 ta' Awwissu 2016, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw lill-Kunsill Proposta Konġunta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-FSK, bħala ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Malażja (l-“UE-biss”). Filwaqt li jaqblu mas-sustanza tal-Ftehim, l-Istati Membri fil-COASI unanimament kienu tal-fehma li l-Ftehim jenħteġ li jiġi ffirmat u konkluż bħala Ftehim “imħallat”. Din il-pożizzjoni kienet ikkonfermata formalment mill-COREPER fis-17 ta' Marzu 2017, li talab lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirrevedu l-proposta kif xieraq biex iqisu n-natura mħallta u l-applikazzjoni proviżorja. Il-bidla tal-FSK għal “imħallat” u l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-applikazzjoni proviżorja u d-definizzjoni tal-Partijiet biex tiġi riflessa n-natura mħallta kienu fil-prinċipju diskussi u miftiehma man-negozjaturi tal-Malażja.

Fil-4 ta' Lulju 2018, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw lill-Kunsill Proposta Konġunta ġdida għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim Qafas (bħala ftehim imħallat) u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu. Madankollu, filwaqt li qablu dwar in-natura mħallta tal-Ftehim, il-Malażja ppreferiet li ma tapplikax il-Ftehim b'mod proviżorju. L-Istati Membri aċċettaw formalment li ma japplikawx l-FSK b'mod proviżorju fil-laqgħa tal-COREPER tat-3 ta' April 2019 u sussegwentement intlaħaq ftehim fil-prinċipju man-negozjaturi Malażjani bl-użu tal-Ftehim iffirmit bl-inizjali tal-2016 fejn iddaħħlet definizzjoni ġdida għall-Partijiet biex tiġi riflessa n-natura mħallta.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni ġiet wara skambju ta' ittri bejn in-Negozjaturi Ewlenin fejn ġie ċċarat li l-iffirmar tal-Ftehim mill-Gvern tal-Malażja jsir f'isem il-Malażja, kollha kemm hi, jiġifieri kemm fil-livell federali kif ukoll f'dak statali. Bil-firma tiegħu l-Gvern tal-Malażja jkun qed jesprimi l-intenzjoni li jorbot lill-Malażja kollha, inklużi l-Istati ta' Sabah u Sarawak. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim kif iddikjarat fl-Artikolu 58 tal-Ftehim, il-Malażja kollha kemm hi tkun marbuta bil-Ftehim.

Din il-proposta tirrigwarda l-istrument ġuridiku li jikkonkludi l-iffirmar tal-Ftehim.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. L-għan u l-kontenut tal-ftehim

L-FSK huwa l-ewwel ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Malażja u jieħu post il-qafas ġuridiku attwali tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1980 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja.

L-FSK jinkludi impenji legalment vinkolanti li huma ċentrali għall-politika barranija tal-UE, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-migrazzjoni u t-tassazzjoni.

L-FSK iwessa' b'mod konsiderevoli l-kamp ta' applikazzjoni għal impenn reċiproku fid-dominju ekonomiku u kummerċjali kif ukoll tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni. Il-Ftehim isaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-kultura, eċċ. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jipproteġu l-interess finanzjarju tal-UE. L-FSK għandu wkoll taqsima importanti dwar il-kooperazzjoni kummerċjali li twitti t-triq għall-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa tal-ftehim ta' kummerċ ħieles (free trade agreement, FTA).

Politikament, l-FSK mal-Malażja huwa pass importanti biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE fl-Asja tax-Xlokk, abbażi ta' valuri kondiviżi universalment, bħad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Dan iwitti t-triq sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni politika, reġjonali u globali bejn żewġt isħab tal-istess fehma. L-implimentazzjoni tal-FSK se twassal għal benefiċċji prattiċi għaż-żewġ naħat, u jiffirma l-bażi għall-promozzjoni tal-interessi politiċi u ekonomiċi usa' tal-UE.

Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt, li se jagħmel monitoraġġ tal-iżvilupp fir-relazzjoni bilaterali ta' bejn il-Partijiet. Il-Ftehim jinkludi klawżola ta' noneżekuzzjoni li tipprovdi l-possibbiltà li tiġi sospiżta l-applikazzjoni tal-Ftehim f'każ li jinkisru l-elementi essenzjali.

2.2. Il-bażi ġuridika għad-deċiżjoni proposta

L-Artikolu 218(6)(a)(iii) TFUE jipprevedi li, fejn ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali speċifiku billi jorganizza proċeduri ta' kooperazzjoni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-Ftehim. Skont il-każistika, jekk eżami ta' miżura tal-UE jiżvela li għandha żewġ għanijiet jew li tinkludi żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri, dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti. B'mod eċċezzjonali, jekk jiġi stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-miżura ssegwi għadd ta' oġġettivi simultanjament, jew għandha diversi komponenti, li huma konnessi mill-qrib mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, sabiex diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat ikunu applikabbli, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti (ara, għal dan il-għan, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, C-178/03, EU:C:2006:4, il-paragrafi 42 u 43; tal-11 ta' Ġunju 2014, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, C-377/12, EU:C:2014:1903, il-paragrafu 34; tal-14 ta' Ġunju 2016, *il-Parlament vs il-Kunsill*, C-263/14, EU:C:2016:435, il-paragrafu 44; u tal-4 ta' Settembru 2018, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill (il-Każakistan)*, C-244/17, ECLI:EU:C:2018:662, il-paragrafu 40).

L-għan jew il-komponent ewlieni tal-Ftehim jaqa' fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 209 TFUE, flimkien mal-Artikoli 218(6)(a) TFUE.

2.3. Natura legali

L-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK tindika li t-Trattati taw is-setgħa lill-UE biex taġixxi fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi ġuridika, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni fil-bidu pproponew l-abbozz ta' ftehim, għall-iffirmar u l-konklużjoni, bħala ftehim "tal-UE biss". Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni kkunsidraw li l-proċedura ħafna iqsar u ħafna aktar prevedibbli tar-ratifika għad-dħul fis-seħħ tal-FSK bħala ftehim "tal-UE biss" kienet fl-interess tal-Unjoni biex tiproċedi malajr bl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, l-Istati Membri fil-Kunsill (il-Gruppi ta' Ħidma dwar il-COASI fil-21 ta' Settembru 2016 u l-COREPER fis-17 ta' Marzu 2017) talbu unanimament lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex idawru dan il-ftehim f'wieħed imħallat b'applikazzjoni proviżorja. B'segwitu għal din il-pożizzjoni u biex jiġi evitat li l-firma u l-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tiddewwem fil-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ddeċidew li jinnegozjaw aġġustament fil-Ftehim u li jibdli l-proposti tagħhom għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim. Madankollu, filwaqt li l-Malażja inizzjalment kienet qablet dwar l-applikazzjoni proviżorja, aktar tard hija ppreferiet li ma tapplikax il-Ftehim b'mod proviżorju.

L-abbozz għalhekk jipproponi li l-Ftehim jiġi konkluż bħala ftehim imħallat.

2.4. Il-ħtieġa tad-deċiżjoni proposta

L-Artikolu 216 TFUE jipprevedi li l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar meta t-Trattati jipprevedu dan jew meta l-konklużjoni ta' ftehim tkun meħtieġa sabiex jinkiseb, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, wieħed mill-objettivi msemmija fit-Trattati, jew inkella tkun prevista f'att tal-Unjoni legalment vinkolanti jew inkella x'aktarx tolqot regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom.

It-Trattati jipprevedu li jiġu konklużi ftehimiet bħall-FSK, jiġifieri fl-Artikolu 209 TFUE. Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-FSK hija meħtieġa sabiex jinkisbu, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, l-objettivi msemmijin fit-Trattati.

Għaldaqstant il-Ftehim irid jiġi konkluż f'isem l-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ¹, il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (3) Huwa fehim komuni li skont l-Artikolu 58(1) tal-Ftehim u skont il-Kostituzzjoni Federali tal-Malażja, in-notifika mill-Gvern tal-Malażja li jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabat bil-Ftehim, jorbot lill-Malażja kollha kemm hi.
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malażja min-naħa l-oħra, huwa b'hekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tagħmel f'isem l-Unjoni n-notifika prevista fl-Artikolu 59 tal-Ftehim biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim, jew li taħtar persuna awtorizzata li tagħmel din in-notifika f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President